# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(SpetturDane Vella )

Vs

Charlene Micallef

Illum 7 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Charlene Micallef bin Joseph Mary nee Galea, imwielda fil-05/01/1983 u joqghod Hinxman Court, Flat 3, Trejqet il-Gewz, Rabat. ID 46683M

Billi int akkuzat talli fit-2 ta' Frar, 2024 ghall-habta ta' 21.30 hrs fi Triq L-Imtarfa, Mtarfa soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni ICD659;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura numru VJT488 W involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Martin Abela, Kap 9 Art 328 (d)

2. U b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Martin Abela minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skont kif iccertifika Dr. Ryan Camilleri M.D. mill-MDH. Kap 9 Art 226 (1) (b)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol u 226(1)(b) u artikolu 328(d) Kap 9 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazlet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ps 898 Jurgen Camilleri u Dr Ryan Camilleri** xehdu permezz ta’ affidavit

**Dr Dennis Theuma** xehed rigwardanti dok DT

**Jonathan Dimech** xehed dwar id-dinamika tal-incident u senjatament kif l-imputata harget mill-parking

**Amy Jane Abela** xehdet dwar id-dinamika tal-incident u senjatament kif l-imputata harget mill-parking

**Andrea Bondin** xehed dwar survey u hsarat tal-vettura ICD 659

**Ikkunsidrat**

Charlene Micallef wriet nuqqas ta' "proper lookout' meta harget mill-parking u kien dan l-agir taghha l-kawza prossima tal-incident *de quo*. Hi hatja b'dan is-sewqan tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront taghha fi grad ta sewqan traskurat.

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat Artikolu 226(1)(b) u 328(d) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil Charlene Micallef ghal multa ta' seba' mija u hamsin euro(750) , tmint(8) ijiem skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u erba' (4) punti mill-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**